Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 88/10**
il-Lussemburgu, 13 ta' Settembru 2010

Stampa u Informazzjoni

## Marc Jaeger reġa' ġie elett President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara l-udjenza solenni fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali, Marc Jaeger, President ta' din il-qorti mis-17 ta' Settembru 2007, inħatar mill-ġdid fil-kariga tiegħu ta' President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu mit-13 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2013.

**Marc Jaeger**

imwieled fl-1954; gradwat fid-dritt mill-Università Robert Schuman ta' Strasbourg; studja fil-Collège d'Europe; ammess fl-Avukatura tal-Lussemburgu (1981); attaché de justice, delegat mal-Prokuratur Ġenerali tal-Lussemburgu (1983); Imħallef tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu (1984); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1996); President tal-Institut Universitaire International de Luxembourg (IUIL); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*